VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,011, 19 ta' Ġunju, 2018
Taqsima B

A.L. 191 tal-2018

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ADOZZJONI (KAP. 495)

Regolamenti tal-2018 dwar il-ħatra tal-Awtorità Ċentrali fl-Adozzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, il-Ministru responsabbli għal-Politika Soċjali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2018 dwar il-ħatra tal-Awtorità Ċentrali fl-Adozzjoni.

Il-ħatra tal-Awtorità Ċentrali. Kap. 495.

2. L-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali għandha għall-finijiet u l-effetti kollha tinħatar bħala l-Awtorità Ċentrali kull fejn tinsab fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni.